DIPARTIMENT TAL-INFORMAZZJONI
*DEPARTMENT OF INFORMATION*
MALTA

# Press Release

**PR 182154** **06.10.2018**

**STQARRIJA MILL-UFFIĊĊJU TAL-ISPEAKER**

***Wirja ta' arti astratta ta' Anthony Spagnol***

Id-Deputat Speaker Claudette Buttigieg inawgurat wirja ta' arti astratta ta' Anthony Spagnol, intitolata 'Spagnol Suriet l-Ispirtu', fil-Parlament ta' Malta.

F'kelmtejn tal-okkażjoni, id-Deputat Speaker fakkret kif l-artist juża l-ilwien, id-dawl, id-disinn u figuri sabiex jesprimi l-ħsibijiet tiegħu bl-aħjar mod li jidhirlu hu. Bir-referenza 'Suriet l-Ispirtu', għalkemm hemm bosta tifsiriet dwar dak li hu reliġjuz u spiritwali, id-Deputat Speaker spjegat l-ispirtu waħdieni li hu ġust u tajjeb, u li jista' jgħammar fina u jħeġġiġna nagħmlu t-tajjeb u nkunu ta' ġid lil ħutna l-bnedmin.

F'dan ir-rigward, id-Deputat Speaker fissret l-importanza li l-Parlament ikun miftuħ għal kulħadd, sabiex id-deputati jagħrfu dejjem aktar il-ħtiġijiet u jieħdu l-miżuri neċessarji sabiex jitjieb l-għajxien tal-poplu Malti.

Il-pubbliku huwa mistieden li jżur din il-wirja fl-intrata tal-Parlament ta' Malta sal-Erbgħa, 24 ta' Ottubru 2018, matul il-ġimgħa bejn id-09.00 ta' filgħodu u l-17.00 ta' waranofsinhar, u Sibtijiet u Ħdud bejn id-09.00 ta' filgħodu u nofsinhar.

**Attachments: photos** 

3, CASTILLE PLACE, VALLETTA VLT 2000 Tel +(356) 2200 1700 Fax +(356) 2200 1775

press.releases@gov.mt www.doi.gov.mt